

Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni

(2010/C 256/04)



Wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida taż-2 euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Finlandja

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Il-Kummissjoni tippubblika l-karatteristiċi tad-disinji tal-muniti ġodda kollha bil-ħsieb li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Komunità li jipprovdi għall-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti tal-euro kommemorattivi maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni sakemm jinżammu ċerti kundizzjonijiet, notevolment li dawn ikunu biss muniti taż-2 euro. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi tal-muniti taż-2 euro l-oħra, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom għandu disinn kommemorattiv li huwa simboliku ħafna ftermini nazzjonali jew Ewropej.

Pajjiż li qed joħroġ il-munita: Il-Finlandja

Suġġett tal-kommemorazzjoni: Id-Digriet tal-Muniti tal-1860 li jagħti lill-Finlandja d-dritt li toħroġ il-karti tal-flus u l-muniti

Deskrizzjoni tad-disinn:

Id-disinn juri l-figura stilizzata ta' ljun mill-arma tal-Finlandja u s-sena "2010" fuq ix-xellug. Fuq il-lemin, il-marka taz-zekka u sett ta' numri li jissimbolizzaw il-valur tal-munita. Isfel, l-indikazzjoni tar-referenza tal-pajjiż tal-ħruġ "FI".

Iċ-ċirku estern tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Kwantità ta' muniti li se jinħarġu: 1,6 miljun

Data tal-ħruġ: Ottubru 2010

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).